# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2002**

**Numru 10**

**Avviz numru 17/02mm**

**Joseph Mary Vassallo**

**vs**

**Anthony sive Tonio u Joseph ahwa Falzon**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u sitt liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm2,006.35) prezz ta' xoghol ta' twieqi u bibien tal-aluminium u xoghol ta' hames "pregnant grills" tal-hadid li saru mill-attur b'inkarigu tal-konvenuti f'Busietta Gardens, Madliena, u liema somma l-konvenuti weghdu diversi drabi li ser ihallsu izda baqghu inadempjenti.

Bl-imghaxijiet legali mill-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar, 2001, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tas-27 ta' Marzu, 2001, tat-22 ta' April, 2001, tat-23 ta' Novembru, 2001, u tal-istess ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar, 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-attur li biha rriduca t-talba ghas-somma ta' elf, disa' mija u tmien liri Maltin (Lm1908.00).

Rat in-nota tal-konvenuti fejn ammettew it-talba attrici kif ridotta.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe' elf, disa' mija u tmien liri Maltin (Lm1908.00), bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg